**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 5 ta' Settembru, 2023**

**Rikors Guramentat Nru: 692/2022/2 AF**

**Azzopardi Noel ghan-nom u fl-interess tal-partnership MNA Azzopardi**

**vs**

**Antonio Zammit u Anna Zammit**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Antonio u Anna konjugi Zammit, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet moghtija din il-Qorti, ntalbet thassar jew tnaqqas il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mahrug fil-konfront taghhom minn Noel Azzopardi ghan-nom u fl-interess tal-partnership MNA Azzopardi.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Noel Azzopardi fil-kwalità tieghu premessa.

Ikkunsidrat illi l-konjugi Zammit qed jitolbu lill-Qorti thassar mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghhom minn Noel Azzopardi sabiex dan tal-ahhar iqieghed fis-sod pretensjoni li huwa ghandu kontrihom ghall-hlas ta' danni wara li dawn naqsu milli jonoraw konvenju maqbul bejniethom ghall-bejgh/xiri ta' dar f'Hal Safi li biswitha l-istess Noel Azzopardi ghandu proprjetà intenzjonata biex tikkomprendi d-dar tal-konjugi Zammit fl-izvilupp taghha.  Dwar il-konvenju digà inbdiet kawza li hija pendenti.

Il-konjugi Zammit isejjsu t-talba taghhom fuq l-Art. 836(1) (c), (d) u (f) li jipprovdu testwalment ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju.

> *"(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni; jew*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv; jew*
>
> *…*

*(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Doveruz jigi enfasizzat illi f'dan l-istadju tal-proceduri kull ezami li taghmel din il-Qorti jibqa' essenzjalment limitat ghal dak li jidher mad-daqqa t'ghajn; b'dana illi l-Qorti ma ccahhadx leggerment kreditur mill-jedd tieghu li jiggarantixxi l-kreditu b'kull mezz li taghtih il-ligi.

Ir-rikorrenti jsostnu li l-kreditur huwa kopert tajjeb bil-garanzija li qieghed jipprovdilu l-mandat ta' inibizzjoni fis-sehh. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma taqbilx. Ghalkemm it-talba ewlenija fil-kawza hija ghat-trasferiment tad-dar, fl-istess kawza qeghdin jintalbu wkoll danni. Tenut kont li Noel Azzopardi qieghed jigi mxekkel milli jizviluppa l-proprjetà tieghu kif ikun jista' jekk isir sid tad-dar tal-konjugi Zammit u tenut kont tal-fatt illi ma jirrizultax f'dan l-istadju jekk id-dar hijiex mghobbija b'xi pizijiet, il-Qorti tasal ghall-fehma li l-mandat ta' inibizzjoni wahdu jaf ma jkunx bizzejjed fl-ahhar mill-ahhar.

Din il-konsiderazzjoni tghodd ukoll ghall-argument tar-rikorrenti li l-ammont mhux *prima facie* gustifikat jew hu eccessiv.

Finalment ir-rikorrenti jinvokaw ukoll l-Art. 836(1)(f). Il-gurisprudenza fir-rigward hija cara u kopjuza. Il-Qorti tirreferi fost ohrajn ghal Debono vs Vella (12 ta' Jannar 2021). F'dan il-kaz ma ssemmiet ebda grajja gdida li tiggustifika t-thassir tal-mandat.

Dwar il-fatt li jidher li bil-mandat qeghda tigi milquta wkoll l-pensjoni tal-irtirar tal-konjugi Zammit, din il-Qorti tqis illi hija kwistjoni ta' bejn is-sekwestrati u l-bank jekk l-istess sekwestrati jqisu illi l-Bank mhuwiex qieghed jimxi mal-Art. 381 tal-Kap. 12 li jipprotegi l-pensjoni mill-effetti tas-sekwestru. Madanakollu l-Qorti xorta wahda qeghda tordna li l-pensjoni tibqa' mhux milquta mill-mandat.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' Antonio u Anna Zammit bir-rizerva dwar il-pensjoni kif fuq imsemmi.  L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza pendenti dwar il-mertu.

IMHALLEF